**MEDIA RELEASE – FOR IMMEDIATE PUBLICATION**

# Junior's jieħdu ħanut prominenti f'Bay Street

Wieħed mill-ħwienet bl-aqwa pożizzjoni f'Level 0 f'Bay Street, San Ġiljan, ġie meħud minn Junior's, fejn l-iżjed li issib huma affarijiet għal tfal ta' kull età.

Skont Louise Vella, General Manager ta' Leisure Stores Limited, operaturi ta' Junior's, hemm għazla komprensiva ta' marki tal-ogħla kwalità fuq medda ta' 160 m² bi prezzijiet għal but kulħadd u għal kull okkażjoni. Dejjem ġejjin affarijiet ġodda hekk kif l-oġġetti l-iktar popolari jinħatfu minn fuq l-ixkafef.

L-għoli ta' mezzanin jintuża tajjeb, bil-ħanut mifrux fuq żewġ livelli u b'hekk il-klijenti huma mħeġġa jesploraw dan il-post fejn issib teżor ta' affarijiet li jżommu kemm it-tfal u l-adulti mehdijin għal siegħat twal matul is-sajf twil u sħun.

Fost in-numru kbir ta' marki hemm Galt, Crayola, Lego u Playmobil biex jistimolaw il-kreatività, l-użu tal-idejn tat-tfal u l-immaġinazzjoni tagħhom. Hemm għażla kbira ta' logħob, jig-saw puzzles ta' Clementoni, għamara għal barra u affarijiet tal-isport, fosthom affarijiet liċenzjati minn Disney, Cartoon Network u Discovery.

Għat-tfal żgħar ħafna hemm marki ewlenin bħal Fisher Price, Chicco, Boikido, Leapfrog u Vtech. Il-favoriti ta' dejjem fost is-*soft toys* huma Smurfs, Moshi Monsters u Angry Birds.

Apparti minn affarijiet għal partis, bħal inviti u boroż b'affarijiet li tagħti lit-tfal, tista' ssib dak kollu li tixiteq biex tiddekora l-kamra tat-tfal, minn arloġġi tal-ħajt għal lampi, lożor, kutri u *throws,* sa sodod li jitefħu, tined, siġġijiet u torċis.

Fost il-linji l-oħra hemm pupi, b'Barbie u Monster High fost if-favoriti, li jiġu bl-aċċessorji kolla li wieħed jista' jimmaġina, My Little Pony u l-linja Friends ta' Lego. Is-subien jieħdu s-sehem tagħhom tal-gost b'Scalextric, Meccano u l-għażla ta' ġugarelli ta' Lego, Ninjago u Hero Factory, u għażla wiesa ta' mudelli ta' karozzi u għodda.

Għat-turisti li jżuru l-post hemm affarijiet tad-ditta Chicco u għażla ta' prodotti għall-ivvjaġġar. Fost l-affarijiet tal-istaġun hemm għażla wiesa ta' affarijiet ta' ħdejn il-baħar.

Ms Vella qalet li bħal issa l-ħames affarijiet li t-tfal jgħażlu meta jmorra jżuru Junior's f'Bay Street huma:

1) Lego Ninjago u Friends
2) Nerf
3) Smurfs
4) Angry Birds u
5) Moshi Monsters.

"Allavolja għadna niftħu ftit tal-ġimgħat ilu biss, l-ammont ta' interess fost dawk li jżuru Bay Street hu impressjonanti. Hemm volum kostanti ta' nies dieħlin u issa li ftaħna l-bibien tagħna, se nagħmlu mill-aħjar li nistgħu biex naqdu dawk li jiġu jżuruna," qalet Ms Vella.

– TMIEM –

Caption:

**Ritratt tal-faċċata tal-ħanut u dehra minn ġewwa**